MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 186/2005

**Avviz numru 186/05DM**

**Selective Travel Limited – C 24601**

**Vs**

**Stanley Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma kumplessiva ta' tlett elef, mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm3,242) rapprezentanti l-prezz bilancjali ghall-avvjament u 'goodwill' tal-hanut 'Selective Travel' f'Mimosa Street, Gwardamangia, skond skrittura privata tal-15 ta' April, 2002, kif ukoll l-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-istess skrittura sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut permezz ta' nota guramentata pprezentata fir-registru fil-21 ta' Lulju, 2005, ammetta minghajr riservi t-talba attrici.

It-talba attrici tirrizulta ampjament gustifikata.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett'elef, mitejn, tnejn u erbghin lira Maltin (Lm3,242) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' April, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------